**It-Tlieta 14 ta' Frar 2017**

P8_TA(2017)0028

# Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-saħħa mentali u r-riċerka klinika

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa mentali u dik klinika (2016/2096(INI))**

(2018/C 252/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 u l-Artikolu 168 tiegħu, li jistabbilixxi "livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem" fost l-objettivi tal-politiki kollha tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tal-Artikoli 21, 23 u 35 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ('id-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titlu 'It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni – Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali', (COM(2005)0484),

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv tas-Saħħa Mentali 2013-2020 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali tad-WHO tas-Saħħa tan-Nisa, tat-Tfal u tal-Adoloxxenti 2016–2030,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Saħħa Mentali għall-Ewropa tal-2005, iffirmata mid-WHO, il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tad-WHO għas-Saħħa Mentali, 2013-2020,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali tal-2008,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kummissjoni dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali (2013-2016),

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 14 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, "The right to the highest attainable standard of health" (Id-Dritt għall-Ogħla Standard Possibbli tas-Saħħa), (Dok. NU E/C.12/2000/4) u l-Kumment Ġenerali Nru 20 dwar "Non-discrimination in economic, social and cultural rights" (In-nondiskriminazzjoni fid-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali) (Dok. NU E/C.12/GC/2009),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0380/2016),

A. billi d-dritt għall-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali huwa dritt fundamentali tal-bniedem u jinkludi obbligu ta' nondiskriminazzjoni; filwaqt li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa; billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali huwa kwistjoni ta' importanza kruċjali bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, titkattar l-inklużjoni soċjali u jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku u kulturali fl-Unjoni;

B. billi f'kuntest globali kkaratterizzat minn kriżi ekonomika attwali u żieda qawwija fil-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u n-nisa, l-inċidenza ta' problemi ta' saħħa mentali bħad-depressjoni, disturbi bipolari, l-iskiżofrenja, l-ansjetà u d-dimenzja qed tiżdied b'mod kostanti;

C. billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala benesseri fiżiku, mentali u soċjali, u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew ta' infermità; billi skont id-WHO, "disturbi mentali" tfisser firxa ta' disturbi mentali u ta' mġiba, bħalma hi d-depressjoni, disturb affettiv bipolari, l-iskiżofrenja, disturbi ta' ansjetà, id-demenzja u l-awtiżmu; billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala stat ta' benesseri emozzjonali u psikoloġiku li fih individwu jkun jista' juża l-kapaċitajiet konjittivi u emozzjonali tiegħu, jaħdem fis-soċjetà, jissodisfa d-domandi normali tal-ħajja ta' kuljum, jistabbilixxi relazzjonijiet sodisfaċenti u maturi ma' oħrajn, jagħti kontribut kostruttiv għall-bidla soċjali u jadatta għal kundizzjonijiet esterni u kunflitti interni;

D. billi s-saħħa mentali trid titqies u tiġi indirizzata b'mod olistiku, billi jittieħed kont ta' fatturi soċjali, ekonomiċi, u ambjentali, u teħtieġ approċċ psikosoċjali mis-soċjetà kollha sabiex jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta' benesseri mentali għaċ-ċittadini kollha;

E. billi strateġija olistika dwar is-saħħa u l-benesseri mentali trid tinkludi perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, filwaqt li jitqiesu diversi fatturi li jaffettwaw lil persuni ta' etajiet differenti; billi għandhom jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi ta' tfajliet u nisa ikbar fl-età;

F. billi s-saħħa fiżika u dik mentali huma interkonnessi, u t-tnejn huma ċentrali għall-benesseri ġenerali; billi huwa rikonoxxut li n-nuqqas ta' saħħa mentali saħħa mentali ħażina jista' jwassal għal kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi u li dawk b'kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi għandhom aktar ċans li jiżviluppaw kondizzjonijiet ta' saħħa mentali; billi minkejja rabtiet magħrufa bejn it-tnejn, ir-riċerka dwar is-saħħa fiżika ta' spiss hija prijorità fuq dik dwar is-saħħa mentali;

G. billi s-saħħa mentali tan-nisa u l-bniet tiġi affettwata ħażin minn għadd ta' fatturi, inklużi l-istereotipi u d-diskriminazzjoni prevalenti tas-sessi, l-oġġettifikazzjoni, il-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru, l-ambjent tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, in-nuqqas jew kwalità fqira ta' edukazzjoni dwar is-saħħa mentali, u aċċess limitat għal kura tas-saħħa mentali;

H. billi kważi 9 minn kull 10 persuni li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali jgħidu li ġew affettwati minn stigma u diskriminazzjoni, u aktar minn 7 minn 10 jirrappurtaw li l-istigma u d-diskriminazzjoni jnaqqsu l-kwalità tal-ħajja tagħhom;

I. billi trid tingħata attenzjoni lil fatturi ġeografiċi tas-saħħa u l-benesseri mentali u lid-differenzi bejn l-ambjenti urbani u dawk rurali, fost oħrajn f'termini ta' demografija, aċċess għall-kura u l-provvista tas-servizz;

J. billi t-tibdil ormonali matul il-perimenopawża, u ż-żmien wara l-menopawża, jista' jaffettwa s-saħħa emozzjonali tan-nisa u jwassal għal problemi ta' saħħa mentali, inkluża d-depressjoni u l-ansjetà; billi l-ipersensittività għal sintomi tista' xxekkel l-iskoperta f'waqtha u trattament xieraq;

K. billi fatturi determinanti tas-saħħa u l-benesseri mentali jvarjaw bejn l-irġiel u n-nisa u bejn gruppi ta’ età. billi fatturi li jinkludu l-inugwaljanza bejn is-sessi, id-differenzi fid-dħul, l-esponiment ikbar tan-nisa għall-faqar u wisq xogħol, id-diskriminazzjoni soċjoekonomika, il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, il-malnutrizzjoni u l-ġuħ tesponi lin-nisa għal aktar problemi ta’ saħħa mentali; billi skont id-WHO, m’hemm l-ebda differenza sinifikanti bejn is-sessi fil-każ ta’ disturbi mentali serji iżda n-nisa għandhom rati ogħla ta’ depressjoni, ansjetà, stress, somatizzazzjoni u disturbi alimentari, filwaqt li l-irġiel għandhom rati ogħla ta’ abbuż mid-droga u l-mard antisoċjali; billi d-depressjoni tirrappreżenta d-disturb newropsikjatriku l-aktar komuni u x’aktarx li taffettwa lin-nisa iktar milli lill-irġiel; billi hija wkoll l-aktar marda komuni fost in-nisa ta’ bejn il-15 u l-44 sena;

L. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-benesseri mentali huma spiss injorati jew imrażżna, minħabba l-istigma, il-preġudizzju jew in-nuqqas ta’ sensibilizzazzjoni jew riżorsi; billi dan iwassal biex ħafna minn dawk li għandhom kundizzjonijiet tas-saħħa mentali ma jitolbux il-kura, u biex it-tobba jonqsu milli jagħmlu dijanjożi tal-marda tal-pazjent, jew xi drabi jagħmlu dijanjożi ħażina; billi d-dijanjożi ta’ kondizzjonijiet ta’ saħħa mentali hija ferm imqassma skont il-ġeneru, fejn in-nisa huma iktar suxxettibbli li jiġu dijanjostikati b’ċerti kundizzjonijiet mill-irġiel;

M. billi b’mod partikolari n-nisa lesbjani u bisesswali, kif ukoll il-persuni transġeneru u intersesswali, jiffaċċjaw problemi ta’ saħħa mentali speċifiċi kkawżati minn stress ta’ minoranzi, definiti bħala livelli għoljin ta’ stress u ansjetà minħabba preġudizzju, stigmatizzazzjoni u esperjenza ta’ diskriminazzjoni, kif ukoll il-medikalizzazzjoni u l-patoloġizzazzjoni; billi l-persuni LGBTI jistgħu jħabbtu wiċċhom ma’ sfidi speċifiċi ta’ saħħa u benesseri mentali li għandhom jitqiesu f’kull strateġija dwar is-saħħa mentali;

N. billi l-forom ta’ somatizzazzjoni l-aktar frekwenti fost in-nisa u aktarx li jinsabu fid-dijanjożi fin-nisa iktar milli fl-irġiel jinkludu l-fibromjalġija u l-għeja kronika, fejn is-sintomi ewlenin huma l-uġigħ u l-eżawriment, għalkemm in-nisa għandhom ħafna sintomi oħrajn li huma komuni għal mard ieħor;

O. billi l-identitajiet transġeneru mhumiex patoloġiċi, imma sfortunatament għadhom jitqiesu bħala disturbi tas-saħħa mentali, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu tali dijanjożi għall-aċċess għal rikonoxximent legali tal-ġeneru jew għal kura tas-saħħa marbuta mat-transġeneru, għalkemm ir-riċerka wriet li d-dijanjożi ta’ “disturb tal-identità tal-ġeneru” hija sors ta’ diffikultà sinifikanti għal persuni transġeneru;

P. billi l-mard relatat mad-depressjoni jammonta għal 41,9 % tal-każijiet kollha ta’ diżabilità li tirriżulta minn mard newropsikjatriku fost in-nisa, meta mqabbla ma’ 29,3 % fost l-irġiel;

Q. billi d-WHO kkalkulat li d-depressjoni taffettwa 350 miljun ruħ; billi sal-2020 din il-marda se tkun it-tieni l-akbar kawża ta’ inkapaċità għax-xogħol;

R. billi t-tfal fil-fażi qabel il-pubertà għadhom soġġetti għal prattiki dijanjostiċi żejda u li jagħmlu l-ħsara, filwaqt li kull tifel jew tifla għandhom ikunu jistgħu jesploraw b’mod sikur l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

S. billi, minħabba diversi fatturi, prinċipalment dwar ir-rwoli tas-sessi differenti u l-inugwaljanzi bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni, id-depressjoni hija bejn wieħed u ieħor darbtejn aktar prevalenti fost in-nisa milli fost l-irġiel, u persuni transġeneru b’mod sinifikanti juru livelli għoljin ta’ ħsibijiet u tentattivi ta’ suwiċidju; billi l-istudji juru li r-rwoli tradizzjonali tas-sessi imposti jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa;

T. billi ma tingħatax biżżejjed attenzjoni lis-saħħa u l-benesseri mentali fis-sistemi edukattivi fl-Istati Membri, jew fuq il-post tax-xogħol, minħabba li s-saħħa mentali ta’ spiss hija stigmatizzata ħafna jew tabù; billi l-edukazzjoni dwar is-saħħa mentali tiġġieled l-istigma dwar is-suġġett, u għandha tindirizza vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-ġeneru, l-istereotipi tas-sessi u d-diskriminazzjoni li jiffaċċaw in-nisa u l-bniet;

**It-Tlieta 14 ta’ Frar 2017**

U. billi l-irġiel u s-subien jesperjenzaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali bbażati fuq il-ġeneru; billi fl-Ewropa, huwa 5 darbiet iktar possibbli li l-irġiel iwettqu suwiċidju minn nisa u s-suwiċidju huwa l-akbar kawża ta’ mewt tal-irġiel ta’ anqas minn 35 sena; billi hemm probabbiltà ta’ 3 darbiet aktar li l-irġiel isiru dipendenti fuq ix-xorb min-nisa u huma iktar suxxettibbli għall-użu ta’ (u l-mewt minn użu ta’) drogi illegali; billi huwa inqas probabbli li l-irġiel ikollhom aċċess għal terapiji psikoloġiċi min-nisa; billi l-irġiel u s-subien jiffaċċaw l-istereotipi tas-sessi tal-maskulinità li jistgħu jinkoraġġixxu r-repressjoni tal-emozzjonijiet jew li jirrikorru għal rabja, u dawn għandhom impatt fuq is-saħħa mentali tal-irġiel, kif ukoll fuq il-fenomenu tal-vjolenza sessista;

V. billi hemm madwar 58 000 suwiċidju fis-sena fl-UE u kwart ta’ dawk li jwettqu suwiċidju huma nisa, u billi s-suwiċidju għadu kawża ewlenija ta’ mewt;

W. billi approċċ psikosoċjali mis-soċjetà kollha għas-saħħa mentali jeħtieġ koerenza politika għall-benesseri, il-koordinazzjoni tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieg, il-politiki ekonomiċi u soċjali bl-għan li jinkisbu l-ogħla livelli ġenerali ta’ benesseri mentali;

X. billi d-disturbi tal-alimentazzjoni bħall-anoressija u l-bulimja qed jiżdiedu fost l-adolexxenti u l-bniet postadolexxenti;

Y. billi l-effetti fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali ta’ disturbi assoċjati mad-dieta bħall-anoressija u l-bulimja ġew dokumentati sew, kif ukoll id-dimensjoni tal-ġeneru tal-kawżi tagħhom;

Z. billi fuq il-post tax-xogħol, in-nisa huma aktar esposti għal fastidju psikoloġiku u/jew sesswali, li jikkawża problemi psikofiżiċi fost dawk soġġetti għalih;

AA. billi mudelli tal-kura soċjali li jindirizzaw il-mard mentali permezz tal-isport, l-arti, jew attivitajiet soċjali għandhom jiġu kkunsidrati fil-programmi dwar is-saħħa pubblika fir-rigward tal-prevenzjoni, it-trattament u r-riabilitazzjoni;

AB. billi l-persuni b’diżabilità jirriskjaw li jbatu minn kundizzjonijiet tas-saħħa mentali aggravati;

AC. billi l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet hija kruċjali biex jingħelbu l-istereotipi tas-sessi, tiġi indirizzata l-vjolenza sessista, u jittejbu s-saħħa u l-benesseri mentali kemm għall-bniet u s-subien kif ukoll għan-nisa u l-irġiel;

AD. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-mard huma waħda mill-kawżi prinċipali ta’ inkapaċità, jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ekonomija, is-suq tax-xogħol u s-sistemi soċjali tal-UE, li jikkawżaw spejjeż ekonomiċi fuq skala kbira u impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija tal-UE, filwaqt li jagħtu aktar impetu lill-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kura tas-saħħa mentali b’mod olistiku, komprensiv, u b’mod sensittiv għall-ġeneru; billi, skont studju li twettaq mill-Assoċjazzjoni Ewropea tad-Depressjoni (EDA), wieħed minn kull 10 ħaddiema fl-UE ħa l-leave mix-xogħol minħabba d-depressjoni, li kien jiswa madwar EUR 92 biljun għas-soċjetà, l-aktar minħabba telf fil-produttività;

AE. billi lil hinn mill-karatteristiċi bijoloġiċi, is-saħħa mentali tan-nisa tiddependi minn fatturi bħall-edukazzjoni li ngħataw, sa fejn dawn ikunu internalizzaw valuri, normi u stereotipi soċjali u kulturali, il-mod li bih għexu u assimilaw l-esperjenzi tagħhom, l-attitudnijiet li għandhom għalihom infushom u għall-oħrajn, ir-rwoli li jkollhom, kif ukoll l-ostakoli u l-pressjonijiet li jiffaċċaw;

AF. billi l-kunsiderazzjoni tad-diversità tan-nisa u d-distinzjoni fiżjoloġika tagħhom mill-irġiel, filwaqt li dawn il-fatturi jiġu inkorporati f’politiki tas-saħħa orjentati lejn it-trattament kif ukoll lejn il-prevenzjoni li jkunu indirizzati lejn in-nisa, b’miżuri speċifiċi mmirati lejn gruppi vulnerabbli u marġinalizzati, issaħħaħ l-effettività ta’ dawk il-politiki;

AG. billi għal diversi raġunijiet is-suġġetti ta' sess femminili kienu esklużi mir-riċerka tossikoloġika u bijomedika u minn provi kliniċi, u billi differenzi bejn is-sessi fir-riċerka jillimitaw kemm aħna nafu dwar id-differenza bejn is-saħħa tan-nisa u tal-irġiel; billi, bħala riżultat, ir-riċerka bijomedika kellha t-tendenza li tirrifletti b'mod predominanti perspettiva maskili, li tassumi, bi żball, li n-nisa u l-irġiel huma identiċi f'oqsma fejn jeżistu differenzi fiżjoloġiċi; billi hemm nuqqas ta' riċerka dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' nisa intersesswali;

AH. billi l-esklużjoni u s-sottorappreżentanza tan-nisa bħala suġġetti, u tal-ġeneru u s-sess bħala fatturi fir-riċerka bijomedika u provi kliniċi qiegħdu l-ħajja u s-saħħa tan-nisa f'riskju;

AI. billi r-Regolament (UE) Nru 536/2014 dwar provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem introduċa rekwiżiti biex jitqies il-ġeneru fil-provi, iżda hemm bżonn li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata; billi r-Regolament ma jispeċifikax xi kunsiderazzjonijiet rigward in-nisa għajr għal nisa tqal u li qed ireddgħu;

AJ. billi strateġiji speċifiċi biex jimplimentaw il-linji gwida għall-istudju u l-evalwazzjoni tad-differenzi bejn is-sessi fl-evalwazzjoni klinika tad-drogi ma ġewx żviluppati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA), minkejja l-fatt li rrikonoxxiet li "ċerti fatturi li jinfluwenzaw l-effett ta' mediċina fil-popolazzjoni jistgħu jkunu importanti meta wieħed iqis id-differenzi fil-potenzjal fir-risposti bejn l-irġiel u n-nisa" u li "l-influwenzi speċifiċi għall-ġeneru jista' jkollhom ukoll rwol sinifikanti fl-effett tad-drogi" ([1]);

AK. billi l-impatti ta' tali drogi jew mediċini bħala mezzi kontraċettivi, antidepressanti u kalmanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tan-nisa għadhom mhux mifhuma sew, u jeħtieġu aktar riċerka bl-għan li jiġu eliminati effetti sekondarji ta' ħsara u titjib tal-għoti tal-kura;

AL. billi d-dimensjonijiet tas-sess u tal-ġeneru tas-saħħa jimplikaw li n-nisa jiffaċċjaw għadd ta' riskji speċifiċi għas-saħħa matul ħajjithom;

AM. billi hemm nuqqas ta' data komparabbli dwar kura tas-saħħa speċifika għall-persuni transġeneru disponibbli, aċċessibbli u ta' kwalità, u l-prodotti użati f'terapija ormonali sostituttivi ma jiġux ittestjati u liċenzjati sew;

AN. billi l-imwiet marbuta mal-maternità huma meqjusa bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi tas-saħħa;

AO. billi n-nuqqas ta' aċċess għal drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi servizzi ta' abort sikuri u legali, jipperikola l-ħajja u s-saħħa tan-nisa u l-bniet u l-persuni kollha b'kapaċità riproduttiva, iżid l-imwiet u l-morbożità marbuta mal-maternità, u jwassal għal ċaħda ta' kura li ssalva l-ħajja u għal żieda fl-għadd ta' aborti klandestini;

AP. billi fil-pajjiżi kollha fejn hemm data disponibbli, jeżistu differenzi sinifikanti fis-saħħa bejn il-gruppi soċjoekonomiċi u bejn in-nisa u l-irġiel, fis-sens li nies b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, impjieg u/jew dħul għandhom tendenza li jkollhom rati ogħla ta' morbożità u mortalità b'mod sistematiku; billi dawn l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa llum il-ġurnata huma waħda mill-isfidi ewlenin fil-politiki tas-saħħa pubblika; billi l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi negattivi, il-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri mentali;

AQ. billi edukazzjoni sesswali komprensiva, adattata għall-età, ibbażata fuq l-evidenza, xjentifikament preċiża u ħielsa minn kull ġudizzju, servizzi ta' ppjanar tal-familja ta' kwalità u aċċess għall-kontraċezzjoni jgħinu fil-prevenzjoni ta' tqaliet mhux intenzjonati u mhux mixtieqa, inaqqsu l-bżonn għall-abort, u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-HIV u l-STIs; billi t-tagħlim biex iż-żgħażagħ jieħdu responsabbiltà għas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom stess għandu effetti pożittivi fuq medda twila ta' żmien, li jdumu matul ħajjithom kollha u għandhom impatt pożittiv fuq is-soċjetà;

---

([1]) EMEA/CHMP/3916/2005 – ICH http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Scientific_guideline/2010/01/WC500059887.pdf

AR. billi tarbija waħda minn kull erbgħa fl-UE titwieled b'ċesarja u, statistikament, il-problemi tas-saħħa mistennija għall-ommijiet u t-tfal qed jiżdiedu;

AS. billi diġà hemm nuqqasijiet ta' provvista perikolużi f'ċerti Stati Membri minħabba l-għeluq ta' sptarijiet tal-maternità u t-tnaqqis konsiderevoli fl-għadd ta' qwiebel u l-ostetriċi;

AT. billi r-restrizzjonijiet u t-tnaqqis fil-baġit imposti mill-gvernijiet nazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-edukazzjoni wkoll jagħmlu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tas-saħħa mentali aktar diffiċli u dan għandu impatt sproporzjonat fuq in-nisa, speċjalment l-ommijiet waħedhom u familji kbar;

AU. billi l-migranti, ir-rifuġjati u dawk li jfittxu l-asil ta' sess femminili jistgħu wkoll ibatu minn kundizzjonijiet mediċi serji ħafna bħala riżultat ta' nuqqas ta' trattament xieraq jew minħabba li jiffaċċaw problemi speċifiċi relatati mas-saħħa riproduttiva, bħal kumplikazzjonijiet fit-tqala u fit-twelid u trawma psikoloġika addizzjonali potenzjali bħal depressjoni qabel u wara t-twelid, kif ukoll ir-riskju ta' esponiment trawmatiku għal, jew il-konsegwenzi ta', vjolenza u abbuż (sesswali), u riskji speċifiċi għas-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom; billi hemm diversi sfidi speċifiċi fil-provvista tal-kura tas-saħħa mentali għal dawn il-kategoriji, li l-kobor tagħhom ivarja skont għadd ta' fatturi, inkluż minn fejn ikunu ġejjin il-persuni u l-ammont ta' żmien li jqattgħu fil-pajjiż ospitanti;

AV. billi n-nisa jbatu minn ċerti forom ta' kanċer tal-utru, tas-sider u l-kanċer ċervikali li jeżistu l-iktar fost jew huma esklussivi għan-nisa;

AW. billi n-nisa milquta mill-kanċer li ġew operati u ngħataw trattamenti invażivi bħalma huma r-radjoterapija u l-kimoterapija b'mod ġenerali huma iktar suxxettibbli għad-dipressjoni;

AX. billi għaxar Stati Membri tal-UE iffissaw il-mira tal-iskrinjar 100 % tal-popolazzjoni femminili għall-kanċer tas-sider, u filwaqt li tmienja għandhom mira ta' dan it-tip għall-iskrinjar tal-kanċer ċervikali;

AY. billi l-mard bħall-osteoporożi, il-problemi muskoloskeletali u l-mard tas-sistema nervuża ċentrali bħalma huma l-marda ta' Alzheimer u/jew tad-dimenzja huma marbuta ma' bidliet ormonali li n-nisa jesperjenzaw fi żmien il-menopawża, jew qabel minħabba trattamenti ormonali; billi, għalkemm hu magħruf li n-nisa huma milquta minn dan il-mard bi frekwenza ogħla mill-irġiel, id-dimensjoni tal-ġeneru fir-riċerka dwar kwistjonijiet bħal dawn hija dgħajfa;

AZ. billi l-endomitrijożi hija marda bla fejqan li taffettwa madwar waħda minn kull għaxar nisa u bniet (jiġifieri madwar 180 miljun mara madwar id-dinja u 15-il miljun fl-UE); billi ħafna drabi din il-marda twassal għall-infertilità u ta' spiss tikkawża livelli għoljin ta' wġigħ u problemi ta' saħħa mentali, biex b'hekk toħloq inkapaċità kbira għal diversi aspetti tax-xogħol u tal-ħajja personali u soċjali;

BA. billi l-vjolenza fiżika u psikoloġika bbażata fuq il-ġeneru u l-vjolenza kontra n-nisa u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-vittma jikkostitwixxu ostaklu fundamentali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u fuq it-tgawdija sħiħa min-nisa tal-libertajiet garantiti mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

BB. billi n-nisa u l-bniet li huma vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili huma esposti għall-effetti serji fuq żmien qasir u fit-tul fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika, sesswali u tas-saħħa riproduttiva;

BC. billi l-persuni intersesswali suġġetti għall-mutilazzjoni ġenitali jesperjenzaw ukoll effetti fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika, sesswali u riproduttiva;

BD. billi l-persuni transġeneru għadhom esposti għal sterilizzazzjoni furzata fi proċeduri għar-rikonoxximent tal-ġeneru fi 13-il Stat Membru;

BE. billi l-ġbir tad-data sistematiku u adegwat dwar il-vjolenza kontra n-nisa huwa kruċjali biex jiġi żgurat tfassil ta' politika effettiv fil-qasam, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livelli reġjonali u lokali, u biex tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni;

BF. billi n-nisa vittmi ta' vjolenza sessista jbatu l-konsegwenzi, ħafna drabi għall-ħajja, fis-saħħa fiżika u mentali tagħhom; billi, skont ir-Rapport tad-WHO dwar il-Vjolenza u s-Saħħa ([1]), ir-riperkussjonijiet tal-vjolenza sessista fuq in-nisa jistgħu jieħdu diversi forom: l-effetti fiżiċi (tbenġil, ksur, uġigħ kroniku, diżabilità, tal-fibromjalġija, problemi diġestivi, eċċ.); l-effetti psikoloġiċi u ta' mġiba (l-abbuż mix-xorb u d-droga, id-depressjoni u l-ansjetà, disturbi tal-alimentazzjoni u tal-irqad, sentimenti ta' ħtija u mistħija, fobiji u attakki ta' paniku, stima personali baxxa, disturb ta' stress posttrawmatiku, disturbi psikosomatiċi, imġiba suwiċidali u awtodistruttiva, in-nuqqas ta' sigurtà f'relazzjonijiet aktar tard fil-ħajja, eċċ.); effetti riproduttivi u sesswali: disturbi ġinekoloġiċi, infertilità, kumplikazzjonijiet waqt it-tqala, korrimenti ta' tqala, disfunzjoni sesswali, mard trażmess sesswalment, tqala mhux mixtieqa, eċċ.); u effetti fatali (qtil, suwiċidju, mewt minn mard trażmess sesswalment, eċċ);

***L-ugwaljanza bejn is-sessi fis-saħħa mentali***

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsegwu l-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali bi strateġija ambizzjuża ġdida dwar is-saħħa mentali, il-promozzjoni ta' approċċ psikosoċjali olistiku mis-soċjetà kollha, li jinkludi aspett tal-ġeneru b'saħħtu u jiżgura l-koerenza tal-politika dwar is-saħħa mentali;

2. Jinnota li fl-UE 27 % tal-popolazzjoni adulta, kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, ġarrbu mill-inqas episodju wieħed ta' mard mentali;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri u jallokaw riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw aċċess għall-kura tas-saħħa u b'mod speċifiku għas-servizzi tas-saħħa mentali – inklużi rifuġju għan-nisa – għan-nisa kollha, independentement mill-istatus legali jew ta' diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-età jew ir-reliġjon tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw l-inugwaljanza fl-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa mentali;

4. Jinnota li hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar l-impatt fuq is-saħħa mentali ta' vjolenza sessista, inklużi l-vjolenza bil-fomm u dik psikoloġika, il-fastidju u l-intimidazzjoni;

5. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali sabiex jiżguraw li l-istrateġiji tas-saħħa mentali tagħhom jindirizzaw l-isfidi tas-saħħa mentali li jistgħu jiġu ffaċċati mill-persuni LGBTI; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokument CM/Rec(2010)5 tal-Kunsill tal-Ewropa, u biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni lesbjani u bisesswali u transġeneru meta jiżviluppaw politiki, programmi u protokolli tas-saħħa;

6. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-twaqqif ta' ċentri ta' appoġġ psikoloġiku għall-pazjenti bil-kanċer sabiex jipprovdulhom appoġġ psikoloġiku matul il-proċess ta' trattament u riabilitazzjoni;

7. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni serja li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa b'diżabilità, li spiss huma f'riskju ta' diffikultajiet li huma direttament relatati mhux biss mad-diżabilitajiet tagħhom, iżda wkoll ma' żieda fl-iżolament soċjali u fl-inattività involontarja; jistieden lill-Istati Membri biex sistematikament iżidu l-aċċessibbiltà ta' kura psikoloġika preventiva għan-nisa b'diżabilitajiet, u biex jipprovdu appoġġ psikoloġiku għal nisa li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilità serja; jenfasizza l-ħtieġa għal strateġija u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kampanji ta' informazzjoni u ta' prevenzjoni u inizjattivi oħra biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-problemi tas-saħħa mentali u biex tingħeleb l-istigma; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinvestu fl-edukazzjoni formali, informali u nonformali għas-saħħa u l-benesseri mentali għall-gruppi tal-età kollha, b'enfasi fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa mentali sensittivi għall-ġeneru bħad-depressjoni, l-ansjetà jew l-użu ta' drogi; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-iskejjel ikollhom oqfsa xierqa biex jidentifikaw u jgħinu lil dawk li jbatu minn problemi bis-saħħa mentali, inklużi l-aspetti tal-ġeneru, u biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ta' servizzi tas-saħħa mentali; jinnota li 70 % tat-tfal u ż-żgħażagħ li jesperjenzaw xi problema tas-saħħa mentali ma ngħatawx intervent adegwat f'età bikrija biżżejjed;

([1]) Krug, Dahlberg, Mercy, Zwi u Lozano, 2002.

**It-Tlieta 14 ta' Frar 2017**

9. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex iżidu l-ġbir regolari ta' data dwar is-saħħa mentali fuq livell tal-UE u nazzjonali, u b'mod partikolari dwar il-prevalenza tad-depressjoni, u billi d-data miġbura tkun tal-anqas maqsuma skont is-sess, il-ġeneru, l-età u l-istatus soċjoekonomiku u tinkludi indikaturi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

10. Jemmen li l-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali jenħtieġ li tinvolvi personalitajiet politiċi, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u soċjali, flimkien mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li huwa essenzjali li s-saħħa mentali ma tibqax tabù f'ċerti ambjenti soċjali;

11. Jinsisti li r-rabta bejn kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, is-saħħa u l-benesseri mentali hi kruċjali għall-koerenza tal-politiki dwar is-saħħa mentali, peress li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jwasslu għal aktar problemi ta' saħħa mentali; jinnota li l-femminizzazzjoni tal-faqar u l-politiki ta' awsterità li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa jqiegħdu f'riskju akbar il-benesseri mentali tan-nisa;

12. Jenfasizza l-importanza ta' trattament u kura tas-saħħa mentali soċjali, bħal permezz tal-isport, il-mużika, l-arti u attivitajiet kulturali, bħala element importanti fl-għoti tas-servizzi tas-saħħa, u wieħed li jnaqqas l-ispejjeż ekonomiċi u umani li l-problemi tas-saħħa mentali jista' joħolqu għall-individwi u s-soċjetà kollha kemm hi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu aktar fi programmi ta' kura tas-saħħa mentali soċjali, bħal riċetti tat-tabib soċjali;

13. Jinnota bi tħassib li 13-il Stat Membru tal-UE biss huma magħrufa li għandhom strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jimplimentaw strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju u biex jieħdu miżuri biex jitnaqqsu l-fatturi ta' riskju ta' suwiċidju, bħalma huma l-abbuż mix-xorb, id-drogi, l-esklużjoni soċjali, id-depressjoni, u l-istress; jappella wkoll għal stabbiliment ta' sistemi li jipprovdu appoġġ wara tentattivi ta' suwiċidju;

14. Jirrikonoxxi l-impatt tal-midja, u b'mod partikolari tal-internet u l-midja soċjali, fuq is-saħħa u l-benesseri mentali, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ nisa u bniet, u jinnota li jeħtieġ issir aktar riċerka dwar is-suġġett; jinnota li l-kulturi tal-midja li jenfasizzaw l-età u l-apparenza fiżika tan-nisa jista' jkolljom effetti negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa u l-bniet bħall-ansjetà, id-depressjoni, jew imġiba ossessiva; jenfasizza li għodod effettivi, inklużi miżuri legali, għandhom jiġu żviluppati sabiex jindirizzaw il-bullying, il-fastidju u l-oġġettifikazzjoni fuq l-internet; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija ambizzjuża dwar is-saħħa u l-benesseri mentali diġitali, u biex jiġu promossi l-partijiet interessati filwaqt li ssir ħidma magħhom sabiex jiġu żviluppati terapiji diġitali emerġenti; jirrikonoxxi li strateġija tal-midja dwar is-saħħa mentali għandha tinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-industrija tal-pubblikazzjoni u tar-reklamar, li jridu jadottaw standards ta' etika sabiex tiġi evitata l-oġġettifikazzjoni tan-nisa u l-promozzjoni ta' stereotipi tas-sessi;

15. Jirrimarka li xi nisa għandhom perċezzjoni mgħawġa ta' kif jidhru minħabba pressjoni mill-midja, ir-reklamar stereotipiku u pressjoni soċjali, u jiżviluupaw disturbi fl-alimentazzjoni u fl-imġiba, pereżempju l-anoressija, il-bulimja l-ortoressija, il-konsum frenetiku tal-ikel, jew il-bigoressija; jappoġġa approċċ sensittiv għall-ġeneru għal disturbi assoċjati mad-dieta u l-ħtieġa li dan jiġi integrat fi ħdan id-diskors dwar is-saħħa u b'informazzjoni indirizzata lill-pubbliku ġenerali; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt għall-għajnuna u l-appoġġ psikoloġiku fl-iskejjel li jipprovdu appoġġ lill-istudenti, b'mod partikolari t-tfajliet, li huma iktar suxxettibbli li jiżviluppaw disturbi relatati mal-alimentazzjoni;

16. Jilqa' l-fatt li, għall-ewwel darba, il-mexxejja dinjija qed jirrikonoxxu l-promozzjoni tas-saħħa u tal-benesseri mentali u l-prevenzjoni u t-trattament tal-abbuż mid-droga bħala prijoritajiet tas-saħħa fi ħdan l-aġenda tal-iżvilupp globali;

17. Iqajjem tħassib serju dwar l-għoti tal-kura u faċilitajiet tas-saħħa mentali u faċilitajiet lir-rifuġjati nisa u bniet fl-Ewropa, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet temporanji fl-Istati Membri; jenfasizza li d-detenzjoni tar-rifuġjati u dawk li jfittxu l-asil mingħajr ipproċessar effikaċi u effiċjenti tal-applikazzjonijiet għall-asil tagħhom, tikser id-dritt internazzjonali u għandha impatt negattiv fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lin-nisa applikanti għal asil li jinsabu fid-detenzjoni u jenfasizza li dawn in-nisa għandhom jingħataw minnufih protezzjoni, inkluż il-ħelsien mid-detenzjoni, it-tħaffif tar-rilokazzjoni u l-promozzjoni tal-appoġġ u pariri; jistieden lill-Istati Membri biex iħollu l-politiki tas-saħħa mill-kontroll tal-immigrazzjoni billi jippermettu l-aċċess għal servizzi bażiċi tal-kura tas-

saħħa u billi ma jimponux id-dmir lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa biex jirrapportaw migranti mingħajr dokumenti; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-linji gwida tad-diversi aġenziji dwar il-ħarsien u l-appoġġ għas-saħħa mentali u l-benesseri psikosoċjali tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u l-migranti fl-Ewropa, kif imħejjija mid-WHO/Ewropa, l-UNHCR u l-IOM;

18. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li n-nisa spiss ikollhom ġurnata ta' xogħol "two-in-one", jiġifieri, ġurnata xogħol fuq il-post tax-xogħol tagħhom u ġurnata waħda ta' xogħol mid-dar, billi l-irġiel ma jiddedikawx ruħhom biżżejjed għar-responsabbiltà tal-faċendi u t-trobbija tat-tfal, li jwassal biex ħafna nisa jbatu minn depressjoni, ansjetà u stress, flimkien ma' sens ta' ħtija li jonqsu milli jieħdu ħsieb il-familja b'mod adegwat, minħabba r-rwol tradizzjonalment assenjat lin-nisa;

19. Jikkundanna stereotip sessista ġdid mifrux fejn jingħad li l-mara tal-lum għandha tirnexxi fl-istudji tagħha u fuq ix-xogħol, iżda għandha tissodisfa l-aspettattivi tradizzjonali billi tkun mara miżżewġa u domestika tajba u omm perfetta filwaqt li żżomm ruħha, tip ta' mġiba li jirriżulta biex bosta nisa jħossu l-istress u l-ansjetà;

20. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jiżviluppaw politiki mfassla speċifikament sabiex jipprovdu servizzi tas-saħħa mentali għal gruppi ta' nisa vulnerabbli fil-komunitajiet emarġinati u dawk li jiffaċċaw diskriminazzjoni intersezzjonali, bħal nisa migranti u rifuġjati, nisa li jħabbtu wiċċhom mal-faqar u l-esklużjoni soċjali, persuni intersesswali u transġeneru, nisa minn minoranzi etniċi, nisa b'diżabilitajiet, in-nisa ikbar fl-età, u n-nisa li jgħixu f'żoni rurali;

21. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja lejn is-saħħa mentali, fejn il-ħtiġijiet ta' kull grupp ta' età jiġu indirizzati b'mod koerenti u komprensiv, b'enfasi fuq tfajliet u nisa ikbar fl-etá, li bħala medja jirrapportaw rata aktar baxxa ta' sodisfazzjon tal-ħajja mill-irġiel tal-istess grupp ta' età;

22. Jirrakkomanda li fil-każ ta' tqala, il-kura tas-saħħa mentali għandha tibda malajr kemm jista' jkun fl-ewwel trimestru, sabiex ikun possibbli li jiġu identifikati kondizzjonijiet speċifiċi li jistgħu jirrikjedu s-sorveljanza, biex jiġu rikonoxxuti l-problemi soċjali li għalihom in-nisa jista' jkollhom bżonn l-għajnuna minn servizzi soċjali jew tas-saħħa mentali u biex in-nisa jkunu infurmati dwar kwistjonijiet relatati mat-tqala; jitlob li l-għoti ta' kura ostetriċja aktar komprensiva u lokali, li testendi għall-qwiebel u l-ostetriċi, tiġi garantita fl-Istati Membri kollha tal-UE, u jenfasizza l-importanza partikolari ta' din l-isfida għaż-żoni rurali; jenfasizza li kura tas-saħħa psikoloġika hija importanti daqs dik fiżika u jinnota li bejn 10 u 15 % tan-nisa fl-UE li li jkunu għadhom kif welldu jbatu minn depressjoni ta' wara t-twelid; jenfasizza l-importanza li n-nisa jkollhom aċċess għal kura medika u psikoloġika wara korrimenti fit-tqala u l-ħtieġa ta' approċċ sensittiv u personali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, jiżviluppaw u jipprovdu l-possibilità li l-psikożi u depressjoni ta' wara t-twelid jiġu skoperti kmieni u jiġu trattati;

23. Jenfasizza li l-politiki soċjali u tal-impjiegi, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, iridu jadottaw approċċ olistiku li jqis is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien mat-trade unions, min iħaddem, il-professjonisti tas-saħħa u s-soċjetà ċivili sabiex jiġi żviluppat approċċ olistiku u sensittiv għall-perspettiva tal-ġeneru lejn il-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol; jinnota l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ tas-saħħa mentali lil dawk f'pożizzjonijiet maniġerjali kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku;

24. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-persuni li jindukraw oħrajn b'mod formali u informali, li huma fil-maġġoranza kbira nisa, fil-kura tas-saħħa mentali; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol ta' dawk li jindukraw oħrajn b'mod formali u informali fis-saħħa mentali, u b'mod partikolari lir-rwol tan-nisa li jieħdu ħsieb it-tfal, kif ukoll l-azzjoni għall-ħarsien tas-saħħa u l-benesseri mentali tal-persuni stess li jindukraw oħrajn;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-isfidi tas-saħħa u l-benesseri mentali li jiffaċċaw l-irġiel u s-subien minħabba l-istereotipi tal-ġeneru li jwasslu għal probabbiltà akbar ta' abbuż mid-droga u s-suwiċidju milli huwa l-każ fin-nisa; jenfasizza li l-politiki dwar is-saħħa mentali tal-irġiel għandhom iqisu wkoll il-perspettivi tal-età u t-tul ta' ħajja, il-kundizzjoni soċjoekonomika, l-esklużjoni soċjali, u l-fatturi ġeografiċi;

**It-Tlieta 14 ta' Frar 2017**

***L-ugwaljanza bejn is-sessi fi provi kliniċi***

26. Jenfasizza l-fatt li huma meħtieġa provi kliniċi ta' prodotti farmaċewtiċi kemm fuq l-irġiel kif ukoll fuq in-nisa u li dawn għandhom ikunu inklużivi, mhux diskriminatorji u jitwettqu f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza, inklużjoni u nonmarġinalizzazzjoni, kif ukoll jirriflettu raġonevolment il-popolazzjoni li tuża l-prodotti; jissuġġerixxi li l-provi kliniċi jqisu wkoll gruppi tal-popolazzjoni vulernabbli speċifiċi bħal pazjenti pedjatriċi u ġerjatriċi u persuni minn minoranzi etniċi; huwa tal-opinjoni li data diżaggregata skont il-ġeneru għandha tinġabar ukoll wara l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, sabiex jiġu rreġistrati l-effetti sekondarji differenti, flimkien mar-riċerka u d-data dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE mill-Istati Membri;

27. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li n-nuqqas ta' titjib fir-rappreżentanza tan-nisa fil-provi kliniċi u r-riżultati tar-riċerka bijomedika jpoġġu s-saħħa tan-nisa u ħajjithom f'riskju, u jenfasizza li l-metodoloġiji tal-provi kliniċi għandhom jitfasslu b'mod li jippermetti analiżi stratifikata skont l-età u l-ġeneru; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa urġenti li d-differenzi bejn is-sessi jiġu inkorporati fil-proċeduri kliniċi fil-qasam tas-saħħa mentali;

28. Jenfasizza l-importanza tal-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' provi kliniċi sabiex il-metodoloġija tkun trasparenti u aċċessibbli;

29. Ifakkar li l-mard infettiv (pereżempju l-HIV u l-malarja) u r-riżultat tat-tqala avvers (pereżempju t-twelid ta' trabi mejtin) huma l-ogħla f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; jappella biex in-nisa tqal jiġu inklużi fil-provi kliniċi bħala mezz biex jitnaqqsu l-morbidità u l-mortalità tal-ommijiet u tat-trabi;

30. Jitlob li t-tikketti fuq il-prodotti farmaċewtiċi jindikaw b'mod ċar jekk sarux il-provi fuq in-nisa, u jekk l-irġiel u n-nisa għandhomx jistennew effetti sekondarji differenti; jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu r-riċerka dwar l-effetti fuq perjodu twil ta' prodotti użati fit-terapija ormonali ta' sostituzzjoni;

31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinċentivizza proġetti fil-livell tal-UE ffukati fuq kif in-nisa jiġu trattati fir-riċerka klinika; iqis li dawn il-proġetti għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet tas-saħħa fil-livelli kollha u l-industrija farmaċewtika, permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-istudju u l-valutazzjoni tad-differenzi bejn is-sessi fi provi kliniċi;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jinkoraġġixxu lin-nisa jipparteċipaw fil-provi kliniċi;

33. Iħeġġeġ lill-EMEA biex tfassal linji gwida separati għan-nisa bħala popolazzjoni speċjali fi provi kliniċi;

34. Jistieden lill-Istati Membri, biex meta japplikaw ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 fi provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, jużaw approċċ metodoloġiku għall-provi kliniċi li jiggarantixxi rappreżentanza adegwata ta' rġiel u nisa, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għat-trasparenza fir-rigward tal-kompożizzjoni tas-sessi tal-parteċipanti, u, meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jissorveljaw b'mod speċifiku l-livell ta' rappreżentanza tal-irġiel u n-nisa;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-EMEA u lill-partijiet interessati rilevanti sabiex jiżguraw li jiġu introdotti fatturi tas-sess u tal-ġeneru fl-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp ta' mediċini, qabel l-istadju tal-provi kliniċi; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-fornituri tal-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa dwar is-suġġett;

36. Jenfasizza li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex tikkoreġi d-differenzi bejn is-sessi fi provi kliniċi f'oqsma tas-saħħa fejn dawk id-differenzi huma partikolarment ta' ħsara, bħal fil-mediċini għall-marda ta' Alzheimer, il-kanċer, it-trattament ta' attakki ta' puplesija, il-kalmanti u l-mard kardjovaskulari;

37. Jenfasizza li trid tittieħed azzjoni konġunta mir-riċerkaturi u l-partijiet interessati rilevanti kollha biex jiġu eliminati l-effetti sekondarji ta' ħsara ta' mediċini li jaffettwaw lin-nisa b'mod speċifiku, bħal fil-każ ta' kalmanti, kontraċettivi u mediċini oħra, sabiex titjieb is-saħħa tan-nisa u l-kwalità tal-kura tas-saħħa;

38. Jinnota bi tħassib li hemm diskriminazzjoni u inugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa u l-kura soċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk dan jaffettwa l-iżvilupp ta' trattamenti xierqa u mmirati; jirrimarka, b'mod partikolari, li l-pazjenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw mhumiex rappreżentati biżżejjed fir-riċerka farmakoloġika; jinnota li l-popolazzjonijiet speċjali, inklużi tfal u nisa tqal, ġew traskurati fl-iżvilupp tal-mediċina kontra t-tuberkulożi; jenfasizza l-ħtieġa li, fi provi kliniċi fil-ġejjieni, jinġabru u jinħażnu kampjuni għall-istudju farmakoġenetiku bbażati fuq il-ġeneru; ifakkar li l-binja bijoloġika u fiżjoloġika differenti tan-nisa tirrikjedi informazzjoni adegwata dwar l-effett tal-mediċini fuq ġisimhom;

39. Jinnota bi tħassib li ż-żieda fl-esternalizzazzjoni tal-ittestjar tal-mediċini lejn l-Afrika u lejn reġjuni sottożviluppati oħra għandha mnejn twassal għal ksur serju ta' etika u ta' prinċipji fundamentali tal-UE bħalma huma d-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa u l-kura tas-saħħa; jirrimarka li n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' kura tas-saħħa, bi prezz raġonevoli, assigurazzjoni tas-saħħa jew mediċini bi prezz raġonevoli, jħalli lill-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari n-nisa, l-ebda għażla oħra ħlief li jipparteċipaw fi provi kliniċi sabiex jirċievu kura medika, u possibbilment mingħajr ma jkunu konxji tar-riskji involuti;

40. Jinnota li huwa fatt li n-nisa jieħdu kwantitajiet akbar ta' sustanzi psikotropiċi mill-irġiel, iżda li hemm ftit wisq studji dwar id-differenzi bejn is-sessi rigward l-effett ta' dawn il-mediċini, li huma ordnati għal nisa u rġiel mingħajr distinzjoni u bl-istess doża; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li n-nisa jbatu aktar minn effetti negattivi ta' sustanzi psikotropiċi għaliex huma esklużi minn provi kliniċi u ma titqiesx, għalhekk, il-fiżjoloġija femminili; jinnota wkoll li n-nisa jippruvaw aktar spiss mill-irġiel li jsolvu l-problemi mentali tagħhom bl-għajnuna ta' psikoterapija;

***Kummenti ġenerali***

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

(a) biex jippromwovu kura tas-saħħa billi jiżguraw aċċess faċli għas-servizzi u l-provvista adegwata ta' informazzjoni mfassla apposta għall-bżonnijiet speċifiċi tal-irġiel u tan-nisa u l-iskambju tal-aħjar prattika fil-qasam tas-saħħa mentali u r-riċerka klinika;

(b) biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa tan-nisa u tal-irġiel u biex tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki, il-programmi u r-riċerka tas-saħħa tagħhom, mill-iżvilupp u t-tfassil tagħhom sal-valutazzjoni tal-impatt u l-ibbaġitjar tagħhom;

(c) biex jiżguraw li l-istrateġiji ta' prevenzjoni jimmiraw b'mod speċifiku lejn in-nisa li huma f'riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali bħan-nisa Rom, in-nisa b'diżabilità, nisa lesbjani u bisesswali, nisa migranti u rifuġjati nisa u nisa li jgħixu fil-faqar, kif ukoll il-persuni transġeneru u intersesswali;

(d) biex jirrikonoxxu l-vjolenza sessista u l-vjolenza kontra n-nisa bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika, kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni tad-WHO WHA49.25 tal-25 ta' Mejju 1996, li għandha impatt dirett fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa;

(e) biex jiżguraw żvilupp rapidu ta' stħarriġ madwar l-UE dwar il-prevalenza tal-vjolenza sessista għall-implimentazzjoni fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea, kif ikkonfermat fil-programm ta' ħidma tal-Eurostat għall-2016, u biex jiġbru data diżaggregata b'mod regolari, b'mod partikolari dwar il-prevalenza tad-depressjoni, u billi din id-data tkun tal-anqas maqsuma skont is-sess, l-età u l-istatus soċjoekonomiku;

(f) biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk tan-nisa li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, u biex jaħdmu ħalli jkun żgurat li n-nisa jsemmgħu leħinhom fil-kwistjonijiet ta' politika tas-saħħa Ewropej u nazzjonali u li l-politiki tas-saħħa Ewropej u nazzjonali jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom;

(g) biex jinċentivizzaw programmi li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa rigward mard bħall-osteoporożi, problemi muskoloskeletali u mard tas-sistema nervuża ċentrali bħalma huma l-marda ta' Alzheimer u/jew id-dimenzja, inklużi dawk li jinfurmaw lin-nisa dwar metodi ta' prevenzjoni u biex joffru taħriġ għall-persunal mediku;

(h) biex jagħtu aktar attenzjoni lill-ħtiġijiet speċjali ta' nisa dijanjostikati b'għeja kronika u l-fibromjalġija billi jingħataw servizzi tal-kura tas-saħħa adegwati u ta' kwalità għolja;

**It-Tlieta 14 ta' Frar 2017**

(i) biex iżidu l-finanzjament għat-tkattir tar-riċerka dwar il-kawżi u t-trattament possibbli tal-endomitrijożi, kif ukoll it-tfassil ta' linji gwida kliniċi u l-ħolqien ta' ċentri ta' referenza; biex jippromwovu kampanji ta' informazzjoni, prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-endometrijożi, u biex jipprovdu mezzi għat-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa speċjalizzati u għal inizjattivi ta' riċerka;

42. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki li jtejbu l-livell tas-saħħa medja tal-popolazzjoni permezz tal-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi tas-saħħa li jaffettwaw lill-gruppi soċjoekonomiċi żvantaġġati; jitlob, f'dan il-kuntest, għal impenn attiv f'firxa ta' setturi ta' politika, mhux biss fir-rigward tas-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa, iżda wkoll l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ippjanar tal-bliet, dejjem bl-involviment tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

43. Jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jintegraw il-ġeneru fil-politika dwar is-saħħa mentali, u biex jiżviluppaw politiki u programmi li jindirizzaw kemm il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa għall-kura tas-saħħa mentali kif ukoll l-oriġini soċjali ta' tbatija psikoloġika; jinnota bi tħassib li, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, l-esklużjoni tan-nisa mir-riċerka bijomedika ta' spiss tirriżulta minn nuqqas ta' informazzjoni u ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ir-rwol tagħhom bħala ommijiet u dawk li jieħdu ħsiebhom u n-nuqqas ta' libertà fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi djarhom; jemmen bil-qawwa li bilanċ aħjar bejn ir-rwoli u l-obbligi tal-ġeneru, is-sigurtà tal-introjtu, l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, miżuri aktar effikaċi għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, partikolarment għall-ommijiet li jrabbu t-tfal waħedhom, l-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar ikomplu joffru rimedju għall-inugwaljanzi bejn is-sessi fil-qasam tas-saħħa mentali;

44. Iqis li d-drittijiet sesswali u riproduttivi jinkludu l-aċċess għal aborti legali u sikuri, kontraċezzjoni affidabbli, sikura u bi prezz raġonevoli u edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet;

45. Iqis li huwa ta' dispjaċir li d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma limitati ħafna u/jew japplikaw biss skont ċerti kundizzjonijiet f'diversi Stati Membri tal-UE;

46. Huwa tal-fehma li n-numru dejjem jikber ta' professjonisti mediċi li jirrifjutaw li jwettqu l-abort fl-Istati Membri jirrappreżenta theddida oħra għas-saħħa u d-drittijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm mill-inqas numru minimu ta' professjonisti tas-saħħa li jwettqu l-abort fl-isptarijiet;

47. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprevjenu u jipprojbixxu l-isterilizzazzjoni forzata tan-nisa, kif ukoll iħarrku lil min iwettaqha, peress li l-fenomenu jolqot b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, persuni transġeneru u intersesswali, u n-nisa Rom;

48. Jenfasizza l-fatt li l-proċeduri tal-iskrinjar fl-istadji bikrija tal-kanċer, flimkien ma' programmi ta' informazzjoni, huma meqjusa fost l-aktar miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-kanċer, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li n-nisa u l-bniet ikollhom aċċess għal tali skrinjar;

49. Jenfasizza li l-għoti ta' setgħa lin-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp sostenibbli u biex b'hekk tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, inkluża dik li sseħħ fil-qasam tas-saħħa mentali u tar-riċerka klinika, u li dan mhux biss huwa dritt bażiku tal-bniedem, iżda għandu wkoll effett multiplikatur fl-oqsma l-oħra kollha tal-iżvilupp (Oġġettiv 5 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli);

50. Iqis li l-Istati Membri għandhom obbligu li jiggarantixxu l-għoti ta' kura obstetrika lokali bħala servizz pubbliku u li jiżguraw li l-qwiebel ikunu disponibbli f'żoni rurali u reġjuni muntanjużi;

51. Jistieden lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-endometrijożi bħala marda inkapaċitanti, peress li dan jippermetti lin-nisa milquta jiġu ttrattati bla ħlas, anki fil-każ ta' trattamenti u/jew kirurġija għaljin, u jippermetti leave speċjali mix-xogħol għal raġunijiet ta' mard waqt l-aktar perjodi akuti, biex b'hekk tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti sabiex jiżguraw aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa fiżika u mentali ta' kwalità għolja għar-rifuġjati, il-persuni li jfittxu asil u l-migranti vulnerabbli kollha, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, bħala kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem universali u, fuq terminu twil, biex jippreparaw b'mod adegwat is-sistemi nazzjonali tas-saħħa tagħhom meta jilqgħu lir-rifuġjati u lill-persuni li qed ifittxu asil; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ sensittiv għad-differenza bejn is-sessi fis-saħħa mentali tal-immigrazzjoni, l-asil, u persunal ta' infurzar tal-liġi u l-uffiċjali li jaħdmu mar-rifuġjati, dawk li qed ifittxu l-ażil u għall-immigranti, speċjalment dawk li jaħdmu ma' nisa u bniet vulnerabbli; iqis li

dawn il-miżuri tal-kura tas-saħħa neċessarji għandhom jinkludu dispożizzjonijiet bħall-akkomodazzjoni sikura u faċilitajiet sanitarji għan-nisa u t-tfal, il-konsulenza legali u l-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi l-kontraċezzjoni, l-appoġġ għal vittmi ta' vjolenza sesswali, u l-abort sikur u legali;

53. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex iwaqqfu minnufih il-politiki attwali ta' awsterità u t-tnaqqis fl-infiq pubbliku li jaffettwaw lis-servizzi li huma kruċjali għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għan-nisa u l-irġiel u l-bniet u s-subien kollha fl-UE, irrispettivament mill-oriġini jew l-istatus legali tagħhom;

54. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess b'xejn għas-servizzi tas-saħħa għal nisa qiegħda, nisa f'żoni rurali u l-pensjonanti nisa bi dħul baxx li ma jistgħux iħallsu għal eżamijiet mediċi u l-kura;

55. Jirrakkomanda li wara t-twelid ta' tarbija b'diżabilità jew tarbija b'mard ta' theddida għall-ħajja, in-nisa għandhom jingħataw appoġġ speċjali, inkluż aċċess b'xejn fit-tul għall-kura pedjatrika d-dar, kura pedjatrika palljattiva u appoġġ psikoloġiku speċjaizzat u faċilment aċċessibbli;

56. Jenfasizza li l-kisba tad-dritt għas-saħħa għal kulħadd tiġi qabel il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tiddependi mill-investiment fir-riċerka dwar is-saħħa Ewropea, inklużi teknoloġiji tas-saħħa u l-mediċini għal mard relatat mal-faqar u li ġie traskurat (PRNDs);

57. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġits tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri, u jinsab diżappuntat mill-fatt li l-baġits annwali għall-programmi maħsuba biex jipprevjenu l-vjolenza sessista u l-vjolenza kontra n-nisa fl-Istati Membri kollha huma ħafna inqas mill-ispiża attwali ta' tali vjolenza, sew jekk hix ta' natura ekonomika, soċjali jew morali; jappoġġa lill-Istati Membri fiż-żieda fin-nefqa fuq programmi ta' appoġġ bl-għan li tiġi prevenuta l-vjolenza kontra n-nisa u jiġu megħjuna u protetti b'mod effikaċi l-vittmi;

58. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri fil-qasam relatat mas-saħħa tal-identifikazzjoni bikrija u l-appoġġ għal vittmi ta' vjolenza sessista, u biex japplikaw protokolli tas-saħħa f'każijiet ta' attakk, li għandhom jitressqu quddiem il-qrati xierqa bl-iskop li titħaffef il-proċedura legali; jistieden ukoll lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza soċjali integrata, biex tingħata permezz ta' servizzi ta' kura urġenti permanenti li jispeċjalizzaw f'servizzi professjonali multidixxiplinari;

59. Jilqa' l-azzjonijiet tal-Kummissjoni favur ir-ratifika mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, u jiddispjaċih li ħafna Stati Membri għadhom ma rratifikawhiex; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-aktar fis possibbli;

60. Jenfasizza li l-prostituzzjoni hija wkoll kwistjoni ta' saħħa, peress li għandha impatt ta' detriment għas-saħħa tal-persuni fil-prostituzzjoni, li għandhom possibbiltà akbar li jbatu minn trawmi sesswali, fiżiċi u mentali, dipendenza mid-drogi u l-alkoħol, telf ta' rispett proprju, kif ukoll rata ta' mortalità akbar minn tal-popolazzjoni ġenerali; iżid jgħid u jenfasizza li bosta mix-xerrejja tas-sess jitolbu sess kummerċjali mingħajr protezzjoni, u dan iżid ir-riskji ta' impatt negattiv fuq is-saħħa, kemm għall-persuni fil-prostituzzjoni kif ukoll għax-xerrejja;

61. Jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu, jipprojbixxu u jressqu fil-qrati każijiet ta' mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-mutilazzjoni ġenitali li taffettwa lill-persuni intersesswali, u biex jipprovdu appoġġ għas-saħħa mentali, flimkien mal-kura fiżika, lill-vittmi u lil dawk l-individwi li x'aktarx ikunu fil-mira;

62. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-aktar gruppi vulnerabbli jew żvantaġġati, u biex iniedu programmi ta' intervent għalihom;

63. Iqis li n-nuqqas ta' data diżaggregata skont is-sess, komprensiva, komparabbli, affidabbli u regolarment aġġornata jirriżulta f'diskriminazzjoni għas-saħħa tan-nisa;

**It-Tlieta 14 ta' Frar 2017**

64. Ifakkar li l-kura tas-saħħa u l-politika tas-saħħa huma kompetenzi tal-Istati Membri u li r-rwol tal-Kummissjoni huwa kumplimentari għall-politiki nazzjonali;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.